MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 216/2005

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Simone Micallef, bint Carmelo
Vassallo, imwielda Pieta’
Fis-7 ta’ ottubru, 1972

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputata –

talli fis-7 ta’ marzu, 2005 fil-Buġibba Holiday Complex ġewwa San Pawl il-Baħar ikkomettiet serq ta’ kontanti ta’ valur ta’ aktar minn Lm10 iżda anqas minn Lm50 għad-dannu ta’ Meiron Wyn Williams u Ceinwen Lewis Jones liema serq hu kkwalifikat bil-persuna.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' marzu, 2005 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(d), 268(ċ) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u li l-flus ġew ritornati lil sidhom. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------